

# Il-Festa



**Dario Vella**
*Sindku*

Nixtieq nibda billi nirringrazzja minn qalbi lill-Għaqda Mużikali Imperial ta' din l-opportunità biex inwassal il-messaġġ tiegħi bħala Sindku tal-Mellieħa fil-ktejjeb li s-soċjetà mużikali Imperial tippubblika ta' kull sena fl-okkażjoni tal-festa.

Il-festa, fl-opinjoni tiegħi, hija l-isbaħ żmien tas-sena fejn tara l-għaqdiet tar-raħal magħqudin jaħdmu bla waqfien biex dejjem jagħtu festa isbaħ minn dik tas-sena ta' qabel. Hija ħasra li dawn l-aħħar żewġ festi kienu totalment differenti minn kif nafuhom is-soltu. Però nixtieq nirringrazzja lill-għaqdiet kollha li baqgħu għaddejjin bil-ħidma tagħhom anke waqt dawn iż-żminijiet diffiċli. Dan ikompli juri l-impenn li kull għaqda jkollha għar-raħal u għall-membri tagħha. Huwa importanti li nħarsu 'l quddiem u nħallu l-passat warajna. Huwa importanti li issa flimkien nkomplu naħdmu id f'id biex jekk il-Bambin irid fl-2022 inkunu ersaqna lura għan-normalità u b'hekk nerġgħu nibdew niċċelebraw il-festi Maltin kif verament nafuhom.

L-Għaqda Mużikali Imperial hija għaqda oħra fil-lokalità tal-Mellieħa li taħdem b'dedikazzjoni għall-komunità kollha. Għalkemm żminijiet diffiċli, xorta kienu innovattivi u ħarġu b'ideat oriġinali biex jagħtu servizz lill-membri tagħhom kif ukoll lill-komunità. Minn qalbi nawguralhom kull suċċess fl-attivitajiet li għandhom għal din is-sena u anke għall-futur.

Nixtieq nagħlaq dan il-messaġġ, billi f'ismi u f'isem sħabi l-kunsilliera kollha u l-istaff tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa, nirringrazzja lill-President is-Sur Josef Borg u lil sħabu kollha tal-ħidma bla waqfien tagħhom matul is-sena kollha u lill-familjari tagħhom tas-sapport. Nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd.

*Inħarsu l-ambjent naturali ta' pajjiżna*

Farmer's Fresh
Green Grocer
Fresh Fruit & Vegetables Daily
78, Main Street, Mellieħa
Tel: 21521599
Opening Hours
Mon - Sat 7.00am - 8.00pm
Sunday 8.00am - 8.00pm
Free Deliveries

